**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 23 ta' Mejju 2022**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 590/2022 GM**

**L-Universita' ta' Malta**

**vs**

**Carmelo sive Charles Foca**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Universita ta' Malta tat-3 ta' Mejju 2022.

Rat ir-risposta tal-intimat.

Rat li laqgħet ir-rikors proviżorjament.

Rat l-atti kollha kif ukoll id-dokumenti esibiti mill-partijiet.

Aċċediet fuq il-post in kwistjoni fid-19 ta' Mejju 2022.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Permezz tar-rikors tagħha, l-Universita ta' Malta qiegħda titlob li l-intimat jinżamm milli jkompli kull xorta ta' żvilupp fil-fondi numri 77A u 78/79 Triq il-Merkanti, Valletta, sottostanti u adjacenti għall-*campus* tagħha. Tistqarr li għandha Memorandum of Understanding preżumibilment mal-awtoritajiet governattivi kkonċernati biex takkwista dawn il-fondi, għalkemm ma ġġib l-ebda provi fir-rigward. Tgħid li l-intimat qiegħed jatrezza l-fondi bħala restorant b'ikel Ażjatiku anke jekk mhuwiex l-inkwilin ta' dawn il-fondi u mhux ċar x'titlu għandu. Tallega li se jintuża' apparat bil-gass u li dan huwa perikoluż għall-istaff, l-istudenti, u l-opri imprezzabbli tal-arti li jinstabu fil-*campus*.

L-intimat, fir-risposta tiegħu, wieġeb li l-Universita m'għandha l-ebda jedd *prima facie* x'tikkawtela abbażi tal-Memorandum of Understanding; li hija arroganti; li m'hemmx preġudizzju irrimedjabbli; li mhumiex sejrin jintużaw ċilindri tal-LPG u li l-apparat tal-*catering* huwa kollu kemm hu mħaddem bl-elettriku.

L-abbli avukat difensur tal-Universita , waqt it-trattazzjoni bil-fomm, irribatta li fl-applikazzjoni għall-permess tal-Awtorita tal-Ippjanar, hemm indikat li l-apparat sejjer jitħaddem bl-LPG, u li huwa previst li jinħela biss ammont minimu ta' elettriku. Xi impjegati tal-Universita' stqarru magħha li raw xi ċilindri tal-gass jiddaħħlu fil-post.

Il-Qorti ma tistax ma turix it-tħassib tagħha dwar kif post storiku bħall-*campus* tal-Universita' fil-Belt Valletta, isir Memorandum of Understanding biex l-Universita' takkwista post sottostanti l-*campus* u fl-istess ħin tħalli miexja applikazzjoni quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar minn persuna li mhix inkwilin biex l-istess post jitħaddem bħala restorant.

Il-Memorandum of Understanding, li għalkemm ma ġiex esibit il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni biex ma temminx li tassew jeżisti, filwaqt li ma jagħtix titlu fuq il-proprjeta' *de quo,* ċertament jirradika interess ġuridiku dwar l-operat tiegħu. Independentement minn dan, l-Universita' għandha interess ġuridiku bħala ġar li ma tkunx assoġġettata għall-periklu. Il-Qorti qiegħda tiddeplora u ċċanfar lill-intimat għall-akkuża ta' arroganza li għamel lill-Universita' fir-Risposta tiegħu u twissieh li kliem bħal dan ma jingħadx f'atti ġudizzjarji. B'danakollu bħala tip ta' żvilupp u okkupazzjoni, dawn jistgħu jitwaqqfu bl-għodda li tagħti l-liġi u huma riversibbli; għalhekk bħala tali ma joħolqux preġudizzju li huwa wkoll irrimedjabbli.

Il-Qorti aċċediet fuq il-post u sabet li kuntrarjament għal dak indikat fl-applikazzjoni tal-permess, l-apparat tal-*catering* li diġa' tpoġġa fuq il-post jidher li jaħdem bl-elettriku. Kif ġja' ngħad, l-intimat stqarr quddiem il-Qorti li mhuwiex sejjer juża l-LPG. Wara li kkunsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż il-komportament tal-intimat, il-Qorti xejn ma hi konvinta li tassew sejjer jintuża dan l-apparat, li mhux kopert bil-permess, u li m'huwiex sejjer jintuża l-LPG.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' b'mod limitat it-talba tar-rikorrenti billi żżomm lill-intimat milli juża apparat li jaħdem bl-LPG fil-fondi bin-numri 77A u 78/79 Triq il-Merkanti, Valletta.

Tirrevoka contrario imperio d-digriet proviżorju.

Spejjeż nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, 23 ta' Mejju 2022.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA